**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 56 / 2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**John Ciantar**

**(751661M)**

**Illum, 28 ta Gunju 2023**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, John Ciantar detenur tal-karta tal-identita' Maltija 751661M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Nhar il-15 ta' Awwissu 2021, f'dawn il-Gzejjer, permezz ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika ghamilt użu mhux xieraq bih;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi uzajt kliem jew imgieba ta' theddid, abbuzivi jew insolenti, jew esibixxejt xi materjal miktub jew stampat li kien ta' theddid, abbuziv jew insolenti jew xort'ohra gibt ruhek b'dak il-mod, bil-hsieb li b'hekk tqajjem vjolenza jew mibeghda razzjali kontra xi persuna ohra jew grupp ta' persuni fuq bazi ta generu, identita' tal-generu,

orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, origini etnika, religion jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni ohra w jew b'hekk hloqt il-probbabilita' li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibeghda razzjali. **Artikolu 82A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-7 ta' Frar, 2023, fejn il-Qorti:

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti, rat tal-Artikoli 17, 31 u 82A tal-Kapitolu 9 u I-Artikolu 49(c) tal-Kap 399, ilkoll tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati ta' l- akkuzi kif dedotti u kkundanatu komplessivament ghall-piena ta` prigunerija sitt (6) xhur izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, ordnat li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mill-lum, il-hati kkommetta reat iehor li ghalieh kien hemm piena ta' prigunerija; flimkien ma' multa fis-somma komplessiva ta' tlett elef euro (€3,000).

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil **John Ciantar** fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa kkommetta, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant John Ciantar, prezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-21 ta' Frar, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

(a) Thassarha u tirrevokaha u tiddikjarah mhux hati u konsegwentement tilliberah kompletament skond il-liġi.

(b) Alternattivament, u mingħajr preġudizju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, jogħġobha thassara fil-parti tal-piena billi minflok tiġi mposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa ghaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-aggravji tal-appellant John Ciantar li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

**1. Illi l-ewwel aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:**

Illi l-Qorti tal-Magistrati ma setghetx legittimament u ragonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha. Dan jingħad stante l-fatt li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-każ tagħha lill-hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, u b'hekk ma ssodisfawx il-grad tal-prova rikjest mil- Ligi fil-kamp kriminali.

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincent Calleja** (7 ta' Marzu 2002) jingħad li:

> *"...din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ma tergax tagħmel gudizzju gdid fuq il-kaz f'dak li għandu x'jaqsam mal valutazzjoni u evalwazzjoni tal- fatti tal-każ, izda tillimita biss ruhha biex tara jekk id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bazi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Magistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jigifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Magistrati setghet legittimament u ragonevolment tasal ghallkonkluzjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konkluzjonijiet ta' dik il-Qorti anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setghet kienet tasal għal konkluzjoni differenti minn dik milhuga mill-Qorti tal-Magistrati."*

**2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-tieni aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:**

Illi fis-sentenza taghha datata 17 ta' Jannar 2019 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Brandon Bartolo</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali hekk kif presjeduta mill-Imħallef Dr Consuelo Scerri Herrera rriteniet is-segwenti rigwardanti r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 82A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u cioe:

> *"L-appellant gie akkuzat bir-reat kif ravvisat fl-artikou 82A tal-Kap 9 u cioe tixwix lejn mibgheda razjali. Ma hemmx dubbju li l-liberta' ta' l-espressjoni hija fondamentali f'socjeta' demokratika, u għalhekk ir-restrizzjonijiet ghal tali libertajiet ghandhom ikunu limitati ghal dak li huwa strettament necessarju biex jigu protetti valuri u drittijiet ohra, xi whud minnhom importanti daqs l-istess dritt ghall-liberta ta' espressjoni u ta' l-istampa. Fost dawn id- drittijiet l-ohra hemm id-dritt li persuna tipprotegi rreputazzjoni tagħha, kif ukoll id-dritt li persuna (jew grupp ta' persuni) ma tigix insultata jew esposta ghal disprezz minhabba, fost affarijiet ohra, irrazza, twemmin jew origini nazzjonali jew etnika taghha kif inhu allegat li sar fil-kaz in desamina. Ir-razzizmu huwa, sfortunatement, fenomenu li qed jerga' jerfa rasu f'diversi pajjizi-fatt dan li din il-Qorti tista' tiehu konjizzjoni gudizzjarja tieghu proprju għalhekk li hafna pajjizi (inkluza Malta) u l-komunita' internazzjonali jgħaddu ligijiet u huwa u jiehdu mizuri biex jppruvaw jarginaw jew jaghmlu tajjeb ghall-hsara li tali razzizmu necessarjament igib fit-tessut socjali ir-reat kontemplat fl-Artikolu 824 tal-Kap. 9 ma jirrikjedix li min ikun kiteb jew ippublika xi kliem dispreggjattiv, abbusiv jew insulenti ikollu "l-intenzjoni" li jinsulta jew li jesponi ghal disprezz lil xi persuna jew grupp ta' persuni minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-istess disposizzjoni; kif diga' nghad, huwa bizzejjed jekk dak li jkun gie stampat (jew dak li jkun gie mxandar, skond il-kaz) ikun minnu nnifsu jtendi li hekk jinsulta jew jesponi ghal disprezz. Jigifieri jekk, bhala fatt, meta qarrej ta' intelligenza ordinarja jagra licchat f'da il-kaz, dak il-qarrej tista' tonqoslu f'mohhu l-istima ghal dik il-*

*persuna jew għal dak il-grupp ta' persuni minhabba dak li jkun qara dwar dik il- persuna jew dak il-grupp, allura f' dak il-kaz ikun hemm ir-reat. Biex qorti tasal ghall- konkluzzjoni hu evidenti li trid taqara l-artiklu kollu kemm hu biex tara dan, kollu kemm hu jew partijiet minnu, x'impatt jista' jhalli fuq il-qarrej ta' intelligenza ordinarja. L-ezercizju, ghalhekk, irid isir principalment mill-qorti, u mhux mehtieg li jingiebu persuni bhala xhieda biex jghidu huma x'fehmu jew ghal liema konkluzjoni waslu ghaliha wara li qraw l-artiklu.*

*Jidher li forsi kien proprju ghalhekk, infatti, li l-prosekuzzjoni f' dan il-kaz ma ressqet ebda xhud partikolari f' dan is-sens, anqas lil persuna imsemmija fir-rapport.*

*Issa fil-kaz in desamina jidher li l-appellant assuma r-responsabilita ta' dak li kiteb ficchat u cioe "Tmur tihdu f...kemm ghandha-hawnhekk qedin pajjzna..ahna religion wiehed..huma guests iridu jimxu ghal ligijeit taghna..ma jghogobhomx fuck off back to your country" u dan skond dak mistqarr minnu fl-istqarrija tieghu u cioe dak rapportat a fol. 5 meta jikkonferma li dak rapportat fil-face book page markata bhala dok BB1 hija mitkuba minnu.*

*M'hemmx dubbju li dan id-diskors intqal mill-appellant kif msitqarr minnu u mhemmx dubbju ukoll li huwa diskors li fil-fatt huwa disprggjattiv u jqajjem vjolenza u mibgheda rzzjali u dan ghaliex qed jgħid li Ezebe ghandha jew tobdi l-ligijiet taghna jew titlaq mill-pajjiz. L-appellant ukoll ighajjarha proprju ghaliex tat il-fehmiet taghha dwar l-ilbies ta' razza ta' nies u cioe' tal-Musulmani liema ilbies hu ma jaqbilx mieghu."*

Illi b'hekk minn studju approfondit ta' dak li ntqal da parti tal-Qorti fis-sentenza sucitata jihder biċ-ċar li sabiex ir-reat kontemplat fl-Artikolu 82A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżulta irid ikun hemm sitwazzjoni fejn meta persuna taqra dak li

jkun kiteb l-esponenti, tali persuna tasal għall-konklużjoni oġettiva li l-kontenut ta' dak miktub ikattar fih sens ta' nuqqas ta' stima ghal persuna jew grupp ta' persuni speċifika u partikolari. Dan bir-rispett kollu bl-ebda mod ma jista' jirriżulta fil-każ in dezamina fejn wiehed ma jistax ragonevolment jiddeduci sens ta' tixwix għal mibegħda razzjali.

Illi b'hekk l-esponenti huwa ferm perpless kif l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha waslet ghas-segwenti konklużjoni u cioe' li l-kumment li ghamel tali esponenti, sar u kien indirizzat żgur u mhux forsi, lejn persuna li mhux Maltija u li di piu u oltre minn hekk dan joħroġ car miċ-ċirkostanzi. Dan bl-ebda mod ma jista' jirriżulta miċ-ċirkostanzi emergenti mill-provi prodotti stante l-fatt li la l-kumment u wisq anqas l-artiklu ġurnalistiku li fuqu kkumenta l-esponenti, ma għandhom referenza espressa ghal persuna mhux Maltija. It-titlu ta' dan l-artikolu huwa car u cioe' li "Jitkeċċa mill-awla tal-Qorti wara li beda jgħajjat u jargumenta". Tali persuna setghet tkun faċilment Maltija għax bir-rispett kollu huwa fatt ben saput li l-Qrati nostrana jitressqu nies ta' kull nazzjonalita' u mhux biss barranin. B'hekk l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fil-konklużjonijiet tagħha u dan stante l-fatt li hija qatt ma setghet tikkrea ness bejn iċ-ċirkostanzi tal-provi prodotti u l-elementi neċessarji sabiex tali reat ikun jista' ragonevolment jissustixxi.

Illi b'hekk konsegwentament galadarba ir-reat kontemplat fl-Artikolu 82A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jista' jiġi ppruvat bl-ebda mod lil hinn minn kull dubbju li tidetta r-raġuni, wisq anqas jista jiġi ppruvat ir-reat kontemplat fl-Artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399. Dan jinghad stante l-fatt li dan ir-reat huwa anċellari ghar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 82A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk l-esponenti umilment ihoss li anke f'dan ir-rigward l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fis-sentenza tagħha fejn hija sabitu hati tal-istess stante l-fatt li l-elementi ta' dan ir-reat certament ma jistgħu bl-ebda mod jirriżultaw. B'hekk in konklużjoni l-esponenti appellant għandu jiġi lliberat mill-akkużi addebitati lilu fit-totalita' tagħhom u dan ghar-raġunijiet suesposti.

**3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-tielet aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:**

Illi, bl-akbar rispett iċ-ċirkostanzi tal-każ, kif ukoll is-sitwazzjoni prezenti tal-esponent kellhom jingħataw aktar attenzjoni u kellhom jiġu moghtija piż akbar meta l-Ewwel Onorabbli Qorti iddeċidiet il-piena. L-esponent umilment jemmen illi ċ-ċirkostanzi hawn fuq imsemmija jimmilitaw favur temperament fil-piena nflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat ukoll is-sentenzi citati mill-partijiet waqt is-sottomissjonijiet orali taghhom kif ukoll fir-rikors tal-appell.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2023.

Ikkunsidrat

Fl-ewwel aggravju l-appellant jistqarr li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-każ tagħha lill-hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, u b'hekk ma ssodisfawx il-grad tal-prova rikjest mill-Ligi fil-kamp kriminali u konsegwentement l-ewwel Qorti ma setghetx issib lill-appellant hati tar-reati addebitati fil-konfront tieghu.

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarat hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et.** u tghid

pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta Gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioé jistghu jigru zewg affarijiet u cioé jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni inqas vantaggjata ghal hdejn l-ewwel Qorti meta giet biex taghmel apprezzament tax-xhieda, w dan ghaliex hija ma ghexitx il-process tul medda ta' zmien, ma semghetx ix-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, b'hemm ma kintix f'poszjoni li tezamina l-imgieba w il-komportament taghhom, stante li ma kintix hi stess li kkonstatathom, u ma setghetx tara x'interess seta' kellu kull xhud f'dak li

xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le. Pero m'hemmx dubbju li fl-aprezzament tax-xhieda dan l-ezercizzju sar mill-ewwel Qorti u hu ghalhekk li din il-Qorti tissejjah Qorti ta' revisjoni u cioe' li tirrevedi dak illi sar mill-ewwel Qorti.

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

**Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi** deciza fl-14 ta' Frar, 1989;

**Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace** deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;

**Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul** deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;

**Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech** deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;

**Il-Pulizija v. Carmelo Schembri** deciza fit-28 ta' April, 1995;

**Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed** deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u

**Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef** fit-18 ta' Marzu, 2010; kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami tal-provi imresqa f'dawn il-proceduri u taghmel analizi taghhom.

**Alessandro Mangion** bhala editor tal-One xehed nhar is-7 ta' Frar 2023 u muri dok JC2 esebit fl-atti jghid li huwa dahal f'din il-kariga tieghu f'April 2022 u ghalhekk kellu jidhol fis-sit taghhom biex ikun jaf dwar dan l-artikolu. Dan l-artikolu gie publikat fil-15 ta' Awwissu 2021. Jghid li dakinahr meta gie publikat dan l-artikolu ma kienx responsabbli ghalih u cioe' sabiex jigi publikat.

**PC Wiliam Borg** xehed fl-istess jum tas-7 ta' Frar 2023 u jghid li fil-15 ta Awwissu 2021 ircieva email rigward kummenti ta Hate Speech mill-facebook accounts ta Emanuel Ebejer u John Ciantar. Il-kummenti minn dawn iz-zewg profili saru fuq il-pagna tal-facebook *one.com.mt.* Il-kumment ta' John Ciantar jghid 'kantun m'ghonqu'. Huwa jghid li l-profil ta' John Ciantar gie preservat u huwa ritratt ta' mutur bin-numru ta' registrazzjoni MGL 234. Minn tfittxija li saret il-pulizija dan il-mutur jappartjeni lil John Ciantar. Il-profil ta' Noel Ebejer ukoll gie preservat. Wiehed mir-ritratti u mill-profil ta' Noel Ebejer gie imqabbel mar-ritratt tas-sistema tal-pulzija fejn irrizulta li huwa l-istess persuna. Il-karta tal-identita' numru ta' John Ciantar hija 751661M waqt li dik ta' Emanuel Abela hija 470761M. Huwa pprezenta r-rapport tieghu li gie markat bhala dok WB.

Rat id-dokumenti esebita fosthom il-facebook page ta' persuna bl-isem John Ciantar mmarkat bhala dok JC1 a fol 4 u facebook page ohra ta' *ONE.com.mt* fejn a fol. 5 ta' l-atti mmarkat bhala dok JC2 hemm ritratt ta' awla tal-Qorti bit-titolu taht jghid '*jitkecca mill-awla tal-Qorti war al ibeda jghajjat u jargumenta'*.

Wara dan ir-ritratt a fol. 6 ta l-atti hemm numru ta' kummenti li saru minn diversi nies fejn ghamlu referenza li l-persuna li kellha argument fl-awla u li in segwitu gie imkecci barra kien persuna ta' nazzjonalita' baranija. Ma hemmx referenza ghal min kienet il-persuna pero facilment wiehed jista' jifhem li l-persuna kienet barranija u dan stante li hafna mill-kummenti huma indirizzati lejn il-Qorti li kellha tibghatu lura f'pajjizu billi tiddeporatah. Wiehed mill-kittieba u cioe' Noel Ebejer jghid b'mod specifiku itfghuh fuq pellet 5 milli l-barra minn Filfla u jghamel Alla'. L-akkuzat wiegeb b'mod dirett lejn Noel Ebejer bili qal "kantun marbut m'ghonqu". Iktar 'l isfel fl-istess diskursata hemm kumment minn certu Simon Vella li jghid "u ejja miskin…kemm int razzisti."

L-akkzuat **John Ciantar** ma xehdx f'dawn il-proceduri kif kellu kull dritt pero irrilaxa staqarrija a tempo vergine tal-investigazzjoni nhar it-13 ta' Lulju 2022 li tinsab esebita fl-atti a fol. 2 et seq fejn fija jikkonferma li kien inghata id-drittijiet legali tieghu qabel ma rrilaxa din l-istqarrija.  Jghid li hu mizzewweg u jghix ma martu u bintu. Jghid li jahdem bhal driver mal-Gaming Authority. Muri l-facebook page esebita fl-atti a fol.

JC1 bl-isem 'John Ciantar' jikkonferma li huwa tieghu. Jikkonferma li ma jiffrekwentax il-facebook tieghu tas-spiss. Jghid li jaccessa l-kont tieghu mill-mowbajl tieghu u sa fejn jaf hu hadd iktar ma ghandux access ghalih. Mistoqsi jekk qatt ghada il-username jew password tal-pagna tieghu lil haddiehor jghid li ma jafx.

Muri post li gie shared fuq facebook page ONE.com.mt intitolat 'Jitkecca mill-awla tal-Qorti wara li beda jghajjat u jargumenta' mmarkat bhala dok JC2 ighid li ma jafx jekk jiftakrux izda iktar le milli iva. Muri kumment fuq dan il-post li itella fuq Facebook page li gja saret referenza ghaliha fejn jidhru diversi kummenti (video dok JC3) fejn hemm kumment mill-facebook tieghu bil-kliem 'Noel Ebejer kantun marbut ghonqu' jghazel li ma jwegibx. Mistoqsi jekk jikkumenta ghal facebook posts ohra jghazel li ma iwegibx. Pero jghid li jpoggi xi posts bhal Happy Birthday u gieli fahhar il-korp. Mistoqsi jekk ghandux xi mibgheda razzjali lejn xi hadd jghid li le lanqas lil min jghamillu l-hsara. Mistoqsi jekk jiftakarx fejn kien meta kiteb dan il-kumment jghid li ma jiftakarx. Mistoqsi jekk jafx lil din il-persuna li ssemma fl-artikolu jghid li le.

L-akkuza principali moghtija fil-konfront tal-appellant hija dik ta' tixwix għal mibegħda razzjal kif dispost fl-artikolu 82A tal-kodici kriminali jinghad li sabiex jissusti dan ir-reat hemm bzonn kemm l-actus reus kif ukoll dak ta' mens rea bhal f'kull reat iehor. L-actus reus jikkonsisti fl-uzu ta' kliem ta' theddid, abbusiv jew insolenti waqt li l-mens rea ta' dan ir-reat jikkonsisti fl-intensjoni, ix-xjenza li tkun qed tqajjem vjolenza jew mibgheda kontra xi persuna ohra minhabba r-razza jew l-origini etnika taghha.[1]'

Illi l-akkuzat appellant huwa akkuzat bir-reat ta' tixwix ghal mibgheda razzjali u ghalhekk isegwi li din il-Qorti trid tara xi tfisser t-tifsira 'mibgheda razzjali'.

Il-Kodici Kriminali taghna jaghti tifsira dwar it terminologija 'mibgheda razjali' u dan fis-sub artikolu (2) tal artikolu 82A tal kodici Kriminali li jipprovdi is-segwenti: -

> *""vjolenza jew mibegħda" tfisser vjolenza jew mibegħda razzjali jew reliġjuża kontra persuna jew grupp ta' persuni f'Malta definiti b'referenza għall-ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur,*

[1] Vide Il-Pulizija vs Joseph Apap deciz minn din il-Qorti fis-17 ta April 2019

*lingwa, oriġini nazzjonali jew etnika, ċittadinanza, reliġjon jew twemmin jewopinjoni politika jew opinjoni oħra".*

Pero fl-"International Convention on the Elimination of all forms of Racial Discrimination" insibu l-guidelines ghat-tifsira tal-kliem 'mibgheda razzjali', li tipprovdi s-segwenti:

> *"Any distinction, exclusion, restriction or preference based on race, colour, descent or national or ethnic origin, which has the purpose or effect of nullyfying or impairing the recognition, enjoyment or exercise on or equal footing of human rights and fundamental freedom in the political economic, social, cultural or any other field of public life."*

F'din l-istess konvenzjoni nsibu spjegazzjoni tal-kelma '*racism*' u cioe "*a system of beliefs, held consciously or otherwise, alleging the inferiority of members of one supposedly biologically different groups to those of one's own group. It is therefore prejudice or animosity against people who belong to other races*" w ghalhekk, il-Konvenzjoni tkompli tghid "*Racial discrimination is any action which treats people differently in any manner because of prejudice about race – it is therefore the action that stems from the beliefs and prejudice of racism."*

Illi ghalhekk, fid-dawl ta'dak li ntqal aktar 'l fuq, il-Qorti trid tezamina d-diskors tal-appellant biex tara jekk b'dak li qal, hu kienx qed jippregudika t-twemmin ta' terzi persuni li ghandhom razza differenti minn tieghu. Illi ma hemmx dubju li l-agir tal-appellant jikkonfigura proprju f'dan ir-reat u dan ghaliex l-kliem li ktieb fil-konfront tal-persuna li tkecca mill-awla kien proprju dak ta' aggressivia u ta' mibgheda.

**Dan l-komportament abbusiv u insolenti zgur li mhux accettabli f'socjeta demokratika u ghandu igib il-kundanna ta' din il-Qorti. Fil-fehma tal-Qorti m'għandux jkun hemm l-ebda dubju li fi kwalunkwe soċjeta ċivilizzata kliem bħal dak li ntqal mill-appellant għandu jitqies bħala kliem li jqajjem vjloenza jew mibgheda kontra persuni minhabba ir-razza jew l-origini etnika taghhom u m'għandu qatt jiġi aċċettat fl-ebda ċirkostanzi.**

Illi ma hemmx dubbju kif sewwa irrilevat l-ewwel Qorti li l-kumment '*kantun marbut ghonqu*' sar mill-appelant u dan anke mir-risposta li ta fl-istatement tieghu meta gie mistoqsi fejn kien meta kiteb l-artikolu jghid '*li ma jiftakarx*'. Fl-ebda hin ma innega li

l-kumment gie maghmul minnu. Illi ukoll kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti l-kumment hu wiehed lejn persuna li hija barranija u dan johrog minn ezami tal-posts li kien hemm antecedent ghal kumment tal-appellant. Iktar u iktar lejn persuni gejjin mill-frika. Illi dan il-kumment kien wiehed negattiv u ghaliex jimplika li din il-persuna li irrabjat fl-awla u tkecciet 'l barra kellha tigi mehuda u mormija fil-bahar 'b'kantun marbut ma ghonqa'. Zgur ghalhekk li tali kumment negattiv kien wiehed li jikkostitwixxi kitba stampata ta' natura abbusiva kontra persuna li tappartjeni ghal grupp ta' nies barranin tar-razza Afrikana skond il-kummenti fil-posts antecedent.

**Dan l-atteggjament m'ghandu l-ebda lok f'dan il-pajjiz u zgur mhux ser isib xi forma ta hniena minn din il-Qorti. Il-Qorti bis-sentenzi qed hemm biex tipprocedi lic cittadini kemm jekk huma ta nazzjonalita Maltija kif ukoll barranin inkluz dawk ta' razza u origini etniku differenti.**

Jekk l-appellant għandu ir-riservi tieghu dwar il-preżenza ta' nies b'karnaggjon differenti f'pajjiżna żgur li ma kellux ghalfejn juza dak il-kliem offensiv biex jesprimihom. Ghalhekk kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti dan ir-reat jissusti.

Illi, magħdud dan kollu, isegwi ukoll li l-appellat kellu jinstab ħati ukoll ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih, u ċioe' li għamel uzu mhux xieraq ta' apparat elettroniku ai termini tal-artikolu 49 (C) tal-kap 399 tal-ligijiet ta' Malta.

> *"Meta fil- paragrafu (c) jingħad li "jagħmel uzu ieħor mhux xieraq" isegwi li dik id-dispozizzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix necessarjament f'theddid izda li, bl-applikazzjoni tar-regola eiusdem generis, huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messagg li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hux għemil xieraq. ..... Din hi l-konsegwenza tal-applikazzjoni korretta tar-regola eiusdem generis għall- interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu (ċ) msemmi.[2]"*

Huwa inkontestat li kien l-appellat li kiteb il-kliem dispreġjattiv tramite' il-paġna tiegħu tal-Facebook, liema kliem kienu insolenti li setgħu joħolqu mibegħda u/jew

[2] App.Inf. Il-Pulizija vs Alfred Grech deciza 19/07/2013 App. Nru.344/2012

disprezz fil-qarrejja, kif ingħad. Tant hu hekk li wara l-kumment tieghu jirrizulta li kien hemm bosta kummenti ohra li baqghu ghaddejja b'mod dispreggjattiv jinsulentaw lin nies ta' razza Afrikana

Ghalhekk din l-ewwel akkzua tirrizulta ukoll.

L-appellant jinterponi aggravju ukoll mill-piena billi jghid li fic-cirkostanzi hija wahda eccessiva tenut kont b'mod partikolari li l-appellant ghandu fedina penali netta bl-ebda kontravenzjoni jew reat registrat fuqha.

Kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell Kriminali tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> *It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*
>
> *"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."*

*Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.

Fil-kaz in desamina l-piena applikabbli ghar-reat magguri u cioe dak ta 'mibgheda razzjali 'kif disposta fl-artikolu 82A tal-kap tal-ligijeit ta Malta f'kaz ta htija il-piena hija wahda ta' priġunerija minn sitt (6) xhur sa tmintax (18)-il xahar. Fil waqt li l-ewwel reat igorr piena ta multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) skond l-artikolu 49 (c) tal-kap 399 tal-ligijiet ta' Malta. Issa fil-kaz in desamina l-ewwel Qorti ghogbitha tkkundanna lill-appellant ghallpiena ta sitt xhur izda bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta ordnat li s-sentenza ta prigunerija ma tidholx fis-sehh jekk hlief matul il-perijodu ta tlett snin mid-data tas-sentenza l-appellant jikkommetti ret iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija flimkien ma multa fis-somma komplessiva ta tlett elef euro (€3000)). Ghalhekk jidher car li l-piena inflitta tidher li hija proprju lejn il-minimu taghha.

Ghaldqstant din il-Qorti qeda tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward tal-mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena inflitta.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef